REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/119

tad-9 ta' Novembru 2022

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/692 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 3(5), 234(2), 237(4) u 239(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jissupplimenta r-regoli dwar is-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429, fir-rigward tad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul, ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali.

(2) L-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 dwar l-annimali akkwatiċi u l-prodotti tagħhom, indikat li hija meħtieġa ċarezza akbar dwar liema komoditajiet huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament Delegat. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-annimali akkwatiċi selvaġġi u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali speċifikament minn dawk l-annimali akkwatiċi selvaġġi li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd u li jidħlu fil-katina alimentari maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem huma eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-prodotti li joriġinaw mill-annimali speċifikament minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, li mhumiex maħsuba għal ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni, huma eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Għalhekk, l-Artikolu 1(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(3) Diversi Stati Membri u partijiet ikkonċernati indikaw li wara l-iżviluppi reċenti u l-ispeċjalizzazzjonijiet fis-settur tal-prodotti ġerminali, id-definizzjoni ta' "gruppi għall-ġbir tal-embrijuni" fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li tinkludi wkoll dawk it-timijiet li jiġbru u jimmaniġġjaw biss ooċiti mhux fertilizzanti. Għalhekk, jenħtieġ li dik id-definizzjoni tiġi emendata biex tkopri timijiet bħal dawn.

(4) Barra minn hekk, għall-finijiet tar-rekwiżiti speċifiċi għall-annimali ekwini fir-rigward tal-marda Afrikana taż-żwiemel u tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela stabbiliti fil-punti 2.1 u 2.2 tal-Anness XI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita definizzjoni ta' "stabbiliment protett mill-vetturi" fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament Delegat. Diġà hemm definizzjoni ta' "stabbiliment protett mill-vetturi" fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 ([3]) fil-kuntest ta' infezzjoni bil-virus tal-ilsien

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

blu (serotipi 1-24). Għalhekk, id-definizzjoni ta' "stabbiliment protett mill-vetturi" fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, għall-fini tal-marda Afrikana taż-żwiemel u tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, jenħtieġ li tkun konsistenti mad-definizzjoni tal-"istabbiliment protett mill-vetturi" fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jiġi emendat skont dan.

(5) L-Artikolu 3(5) tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-movimenti ta' annimali domestiċi, minbarra movimenti mhux kummerċjali, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fil-Partijiet IV u V tiegħu. L-Artikolu 3(5) ta' dak ir-Regolament jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni tistabbilixxi regoli dwar l-adattamenti li huma meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-Partijiet IV u V tiegħu jiġu applikati b'mod korrett għall-annimali domestiċi, b'mod partikolari biex jitqies il-fatt li l-annimali tad-dar jinżammu fl-unitajiet domestiċi mill-indokraturi tal-annimali domestiċi. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li jiġu adattati r-rekwiżiti ġenerali dwar il-mezzi tat-trasport tal-annimali terrestri stabbiliti fl-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u r-rekwiżiti dwar il-moviment u l-immaniġġjar tal-annimali terrestri wara d-dħul tagħhom fl-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament Delegat lill-annimali domestiċi miżmuma fl-unitajiet domestiċi. Għalhekk, l-Artikoli 17 u 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(6) L-Artikolu 21(1)(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jipprevedi li l-konsenji ta' ungulati, għajr annimali ekwini, iridu jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss, jekk l-annimali tal-konsenja jkunu ġew identifikati fuq bażi individwali qabel ma jintbagħtu mill-istabbiliment tal-oriġini, b'mezz fiżiku ta' identifikazzjoni b'wiri viżibbli, li jinqara u li ma jitħassarx ta', fost l-oħrajn, il-kodiċi tal-pajjiż esportatur f'konformità mal-Istandard ISO 3166 fil-format tal-kodiċi b'żewġ ittri. Huwa meħtieġ li tiġi prevista deroga minn dak ir-rekwiżit sabiex l-Istati Membri jippermettu d-dħul fl-Unjoni ta' tali ungulati identifikati b'mezz fiżiku ta' identifikazzjoni li juri l-kodiċi tal-pajjiż esportatur differenti mill-kodiċi konformi mal-Istandard ISO 3166. Tali deroga jenħtieġ li tingħata biss mill-Kummissjoni u fuq talba minn pajjiż terz jew territorju ikkonċernat.

(7) L-Artikolu 38(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jipprevedi li, wara tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu li qabel kien meqjus bħala ħieles minn dik il-marda, dak il-pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu, jerġa' jitqies bħala ħieles mill-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja, meta, wara li tkun twettqet politika ta' qerda u tindif u diżinfettar adegwati fl-istabbilimenti kollha li qabel kienu infettati, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju tkun wettqet programm ta' sorveljanza matul perjodu ta' mill-inqas tliet xhur wara t-tlestija tal-politika ta' qerda u tat-tindif u tad-diżinfezzjoni. Madankollu, dak il-perjodu ta' żmien mhuwiex konsistenti ma' dak applikabbli wara tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja fi Stat Membru. Għalhekk, l-Artikolu 38(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(8) L-Artikolu 53(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jipprevedi li l-konsenji ta' għasafar miżmuma fil-magħluq għandhom jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk l-annimali fil-konsenja jiġu identifikati b'numru ta' identifikazzjoni individwali, li jkun fih, fost l-oħrajn, il-kodiċi tal-pajjiż terz jew territorju tal-oriġini li jikkonforma mal-Istandard ISO 3166 fil-format b'żewġ ittri. Peress li xi għasafar huma identifikati b'mod validu fil-pajjiżi terzi jew fit-territorji terzi li mhumiex il-pajjiżi terzi jew it-territorji terzi minn fejn l-għasafar jidħlu fl-Unjoni jew b'numru ta' identifikazzjoni individwali inkluż il-kodiċi tal-pajjiż terz jew territorju tal-oriġini fil-format ta' tliet ittri b'mod konformi mal-Istandard ISO 3166, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

(9) L-Artikolu 73 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-bgħit ta' klieb, qtates u inmsa lejn l-Unjoni. Dan ma jipprevedix obbligu ta' approvazzjoni għal santwarji fejn konsenji ta' klieb, qtates u inmsa jintbagħtu lejn l-Unjoni, filwaqt li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 ([4]) jipprevedi tali obbligu

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri u bajd għat-tifqis (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 140).

ta' approvazzjoni għall-movimenti fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jiġi allinjat f'dan ir-rigward mar-Regolament Delegat (UE) 2020/688 u l-Artikolu 73 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

(10) L-Artikolu 79 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jipprevedi li l-konsenji ta' semen, ta' ooċiti u ta' embrijuni ta' annimali bovini, porċini, ovini, kaprini u ekwini għandhom ikunu awtorizzati jidħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu ngħabru minn annimali li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew minn territorji terzi li jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali stabbiliti fl-Artikolu 22 tiegħu. L-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament Delegat jipprovdi li tali konsenji għandhom jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk jikkonformaw, fost l-oħrajn, mal-projbizzjoni tat-tilqim ta' annimali bovini, porċini, ovini u kaprini donaturi kontra, fost l-oħrajn, il-marda tal-ilsien u d-dwiefer. Madankollu, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 ([5]), kif ukoll l-istandards internazzjonali rilevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) jippermettu t-tilqim ta' annimali bovini, porċini, ovini u kaprini kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer taħt ċerti kundizzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 79 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jiġi emendat biex jipprevedi deroga għal tali tilqim u biex dak l-Artikolu jiġi allinjat ma' regoli komparabbli applikabbli fl-Unjoni kif ukoll ma' standards internazzjonali.

(11) L-Artikolu 117 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti ġerminali ta' ċerti annimali maħsuba għal stabbilimenti konfinati. Mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 diversi Stati Membri u partijiet ikkonċernati qajmu dubji dwar il-proporzjonalità ta' dawk ir-rekwiżiti fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet ta' dawk il-konsenji u d-differenzi fir-riskji relatati għas-saħħa tal-annimali. Għalhekk, huwa xieraq li dak l-Artikolu jiġi emendat biex jipprovdi aktar flessibbiltà għall-Istati Membri biex jimmaniġġjaw ir-riskji fiċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom u skont l-ispeċi ta' annimali kkonċernata filwaqt li jitqiesu l-listi tal-Unjoni ta' pajjiżi terzi, territorji terzi jew żoni tagħhom awtorizzati stabbiliti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([6]).

(12) L-Artikolu 124(c)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jipprevedi li l-konsenji ta' laħam frisk ta' annimali miżmuma, ħlief dawk miżmuma bħala kaċċa mrobbija li jkunu nqatlu fuq il-post, jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk il-laħam frisk tal-konsenja jkun inkiseb minn annimali miżmuma li, matul it-trasport lejn il-biċċerija, ma għaddewx minn pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu, mhux elenkat għad-dħul fl-Unjoni tal-ispeċi u l-kategorija partikolari ta' laħam frisk. Madankollu, fir-rigward ta' konsenji ta' pollam, il-konformità ma' dak ir-rekwiżit f'ċerti każijiet tkun tirrikjedi l-użu ta' toroq inqas diretti, li jaffettwaw ix-xejriet kummerċjali normali b'mod sproporzjonat, u li jestendu wkoll il-ħin tal-ivvjaġġar. Sabiex tiġi solvuta din il-kwistjoni filwaqt li tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju biex jiġi pprevenut it-tixrid tal-mard, jenħtieġ li tiġi introdotta deroga minn dak ir-rekwiżit, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(13) L-Artikolu 150 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jistabbilixxi r-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti tal-laħam fir-rigward tal-istabbiliment tal-oriġini tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk użat għall-produzzjoni tiegħu. Jenħtieġ li dik id-dispożizzjoni tiġi emendata biex tirreferi għad-data tat-tbiċċir jew tal-qtil tal-annimali minflok ma l-konsenja tintbagħat lejn l-Unjoni sabiex ir-riskji potenzjali għas-saħħa tal-annimali jintrabtu aħjar ma' prodotti speċifiċi fil-konsenja.

(14) L-Artikolu 156 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jistabbilixxi r-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti tal-ħalib mhux soġġetti għal trattament ta' mitigazzjoni tar-riskju u magħmula biss minn ħalib mhux ipproċessat. Jenħtieġ li dik id-dispożizzjoni tiġi emendata biex tippermetti d-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-ħalib magħmula minn prodotti tal-ħalib mhux soġġetti għal trattament ta' mitigazzjoni tar-riskju soġġett għall-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet, peress li r-riskju huwa simili.

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali u r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 1.).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

(15) L-Artikolu 163 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jidderoga mill-Artikolu 3, il-punti (a)(i) u (c)(i) tiegħu, u jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għal prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa. Jenħtieġ li dik id-dispożizzjoni tiġi emendata biex tippermetti l-ksib tal-prodotti tal-ħalib mill-Istati Membri u tal-prodotti tal-ħalib ittrattati minn pajjiżi terzi jew minn territorji terzi, jew minn żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib mhux ipproċessat għall-produzzjoni ta' prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu ċċarati r-rekwiżiti dwar il-prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa imsemmija fl-Artikolu 163(3).

(16) L-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-professjonisti tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi jistgħu jwettqu attivitajiet assenjati lill-veterinarji taħt dak ir-Regolament, dment li jkunu awtorizzati li jagħmlu dan mill-Istat Membru kkonċernat, skont il-liġi nazzjonali. F'ċerti pajjiżi terzi u territorji terzi, fil-passat twettqu spezzjonijiet kliniċi ta' annimali akkwatiċi qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni minn professjonisti tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi, minbarra veterinarji. Għalhekk huwa xieraq li l-Artikolu 166 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jiġi emendat biex jippermetti lill-professjonisti tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi jwettqu spezzjonijiet kliniċi qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni, dment li dawn ikunu awtorizzati jagħmlu dan, skont il-liġi tal-pajjiż terz jew territorju esportatur.

(17) Ċerti annimali akkwatiċi huma ppakkjati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), qabel ma jidħlu fl-Unjoni. Tali annimali akkwatiċi jippreżentaw riskju aktar baxx għat-tixrid tal-mard minn annimali akkwatiċi oħrajn li jidħlu fl-Unjoni, u li mhumiex ppakkjati u ttikkettati bl-istess mod. Għalhekk huwa xieraq li l-Artikolu 167(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jiġi emendat biex jiġu eżentati l-annimali akkwatiċi ħajjin li huma msemmija fl-Artikolu 172(d), (e) u (f), tal-istess Regolament, mir-rekwiżit li għandhom jintbagħtu direttament mill-post ta' oriġini tagħhom lejn l-Unjoni. Din l-emenda tippermetti li tali komoditajiet jinżammu f'maħżen imkessaħ approvat, pereżempju, *en route* mill-post tal-oriġini tagħhom f'pajjiż terz jew territorju, lejn il-post tad-destinazzjoni tagħhom fl-Unjoni. Jenħtieġ li eżenzjoni simili tapplika wkoll għall-Artikolu 174(1)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 dwar l-immaniġġjar wara d-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali speċifikament mill-annimali akkwatiċi, għajr annimali akkwatiċi ħajjin. Għalhekk dawk l-Artikoli jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(18) Barra minn hekk, minħabba r-riskju aktar baxx tat-tixrid tal-mard assoċjat ma' dawk il-komoditajiet, il-konsenji tal-annimali akkwatiċi li huma msemmija fl-Artikolu 172(d), (e) u (f), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, jenħtieġ li jiġu eżentati mir-rekwiżit li jkunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni, li tiġi ffirmata mill-kaptan ta' bastiment li fih ikunu ġew ittrasportati dawn il-konsenji, meta dawn jidħlu fl-Unjoni. Għalhekk, l-Artikolu 168 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(19) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri nazzjonali dwar marda għajr marda elenkata msemmija fl-Artikolu 9(1)(d) tar-Regolament (UE) 2016/429 soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Fejn tali miżuri jikkonċernaw il-movimenti ta' annimali akkwatiċi u prodotti li joriġinaw mill-annimali speċifikament minn annimali akkwatiċi bejn l-Istati Membri, dawn huma meħtieġa li jiġu approvati f'konformità mal-Artikolu 226(3) ta' dak ir-Regolament. Tali miżuri jistgħu japplikaw għal mard elenkat, li huwa mard tal-kategorija E kif definit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([8]), u għal mard mhux elenkat. Għalhekk, jenħtieġ li t-Titolu 2 tal-Parti V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jiġi emendat biex jiċċara li l-miżuri nazzjonali, li ġew approvati f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429, japplikaw mhux biss għal mard mhux elenkat, iżda wkoll għal mard tal-kategorija E.

(20) Instab żball ta' kontroreferenzjar fl-Artikolu 170(1)(a)(iv) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Għalhekk, jenħtieġ li dak l-Artikolu jiġi kkoreġut billi titneħħa r-referenza għall-Artikolu 176 u din tiġi sostitwita b'referenza għall-Artikolu 175 ta' dak ir-Regolament.

(21) L-Artikolu 178 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jistabbilixxi r-rekwiżiti speċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' ungulati, pollam u annimali akkwatiċi li joriġinaw mill-Unjoni u li jirritornaw fiha wara rifjut tad-dħul minn pajjiż terz jew territorju. L-Artikolu 179 ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti speċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali għajr ungulati, pollam u annimali akkwatiċi li joriġinaw mill-Unjoni u li jirritornaw fiha wara rifjut tad-

([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

dħul minn pajjiż terz jew territorju. Madankollu, ir-riskju tal-introduzzjoni ta' mard tal-annimali fl-Unjoni minn għasafar miżmuma fil-magħluq huwa simili għal dak tal-pollam. Għalhekk, ir-rekwiżiti speċjali stabbiliti fl-Artikolu 178 jenħtieġ li japplikaw ukoll għall-għasafar miżmuma fil-magħluq. Għalhekk, l-Artikoli 178 u 179 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(22) Il-punt 4 tal-Anness VIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jistabbilixxi perjodi minimi mingħajr każ jew tifqigħa rrapportata ta' ċertu mard fl-istabbiliment tal-oriġini għall-annimali ekwini. Dak il-punt iħalli barra għażla li fiha r-restrizzjonijiet fuq il-moviment jistgħu jitneħħew mill-awtorità kompetenti fil-każ li fih il-perjodu ta' 30 jum ikun għadda wara li l-aħħar annimal ta' speċi elenkata fl-istabbiliment ikun inqatel u nqered jew inqatel, u l-bini fl-istabbiliment tnaddaf u ġie ddiżinfettat. Dik l-għażla hija disponibbli fil-każ ta' movimenti bejn l-Istati Membri ta' annimali ekwini f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688 għal stabbilimenti fejn tkun ġiet irrapportata s-surra, id-durina jew l-anemija infettiva ekwina. Fl-istess ħin, il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fl-Anness II, il-Kapitoli 12 sa 18, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/403 ([9]) diġà jinkludu dik l-għażla tal-perjodu ta' 30 jum mingħajr każ irrapportat ta' surra, durina jew anemija infettiva ekwina fl-istabbiliment tal-oriġini għall-annimali ekwini. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-Anness VIII, il-punt 4, jiġi allinjat mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. L-Anness VIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(23) Il-punt 1 tal-Anness X tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali ovini fir-rigward ta' infezzjoni bil-*Brucella* kif imsemmi fl-Artikolu 24(5) ta' dak ir-Regolament Delegat. Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw perjodu ta' residenza fl-istabbiliment tal-oriġini jenħtieġ li jiġu allinjati ma' dawk imsemmija fl-Artikolu 11(b)(iii), ta' dak ir-Regolament Delegat u l-entrata rilevanti fir-rigward tal-annimali ovini fit-tabella fl-Anness III ta' dak ir-Regolament Delegat. Għalhekk, l-Anness X tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(24) Il-punt 2.1 tal-Anness XI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għall-marda Afrikana taż-żwiemel li għandhom jiġu ssodisfati mill-annimali ekwini li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi jew territorji terzi, jew żoni tagħhom, assenjati lil grupp sanitarju E jew F. L-annimali huma meħtieġa li jkunu nżammu f'iżolament f'faċilitajiet protetti mill-vetturi għal perjodu partikolari. Huwa meħtieġ li t-terminu "faċilità protetta mill-vetturi" jiġi allinjat, riżervat għal stabbiliment konfinat kif imsemmi fl-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, mat-terminu "stabbiliment protett mill-vetturi", definit fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament Delegat. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness XI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jiġi emendat skont dan.

(25) Il-punt 2.2 tal-Anness XI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela li għandhom jiġu ssodisfati minn annimali ekwini li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom, assenjati lil grupp sanitarju C jew D. L-annimali huma meħtieġa li jkunu nżammu fi kwarantina protetta mill-vetturi għal perjodu partikolari. Huwa meħtieġ li t-terminu "kwarantina protetta mill-vetturi" jiġi allinjat mat-terminu "stabbiliment protett mill-vetturi", definit fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament Delegat. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness XI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jiġi emendat skont dan.

(26) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-kriterji minimi għall-għoti ta' status ta' stabbiliment protett mill-vetturi mill-awtorità kompetenti. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dawk il-kriterji fl-Anness XI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-kriterji previsti fl-Anness V, il-Parti II, il-Kapitolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u fl-Artikolu 12.1.10, il-punt 1, tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH). L-Anness XI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/403 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u tal-prodotti ġerminali tagħhom, iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali fir-rigward ta' tali ċertifikati u li jħassar id-Deċiżjoni 2010/470/UE (ĠU L 113, 31.3.2021, p. 1).

(27) L-Anness XXI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, il-punt 2(b), jispeċifika l-perjodu ta' żmien li matulu għandu jiġi amministrat it-trattament kontra l-infestazzjoni bl-*Echinoccocus multilocularis*. Dak il-perjodu ta' żmien intwera li huwa diffiċli biex tintlaħaq konformità miegħu. Ċertu grad ta' flessibbiltà jista' jiġi pprovdut mingħajr ma jiżdiedu r-riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness XXI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2020/692

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 1, il-paragrafu (6) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-Parti V tistabbilixxi r-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni, kif ukoll għall-moviment u għall-immaniġġjar wara d-dħul, u d-derogi minn dawk ir-rekwiżiti għall-ispeċijiet li ġejjin ta' annimali akkwatiċi fl-istadji kollha tal-ħajja kif ukoll il-prodotti li joriġinaw mill-annimali tagħhom, minbarra l-prodotti li joriġinaw mill-annimali għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin li ma jkunux maħsuba għall-ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni, u l-annimali akkwatiċi selvaġġi u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn dawk l-annimali akkwatiċi selvaġġi li jinħattu minn bastimenti tas-sajd maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem:

(a) ħut tal-ispeċijiet elenkati li jappartjenu għas-superklassi *Agnatha* u għall-klassijiet *Chondrichthyes, Sarcopterygii* u *Actinopterygii*;

(b) molluski akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati li jappartjenu għall-filum *Mollusca*;

(c) krustaċji akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati li jappartjenu għas-subfilum *Crustacea*;

(d) annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament li huma suxxettibbli għall-mard akkwatiku li għalih ċerti Stati Membri għandhom miżuri nazzjonali li ġew approvati f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 (*)

(*) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 tal-11 ta' Frar 2021 li tapprova miżuri nazzjonali mfassla biex jillimitaw l-impatt ta' ċertu mard ta' annimali akkwatiċi f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE (ĠU L 59, 19.2.2021, p. 1).";

2. l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (36) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(36) 'grupp għall-ġbir tal-embrijuni' tfisser stabbiliment tal-prodotti ġerminali magħmul minn grupp ta' professjonisti jew minn struttura approvata mill-awtorità kompetenti għall-ġbir, għall-ipproċessar, għall-ħżin u għat-trasport ta' ooċiti u embrijuni dderivati *in vivo* maħsuba għad-dħul fl-Unjoni;";

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(50) 'santwarju tal-annimali' tfisser stabbiliment fejn jinżammu annimali terrestri li kienu jgħixu fit-triq, jew li huma selvaġġi, mitlufa, abbandunati jew ikkonfiskati, u jista' jkun li ma jkunx magħruf l-istatus tas-saħħa tagħhom kollha meta jiddaħħlu fl-istabbiliment;

(51) 'stabbiliment protett mill-vetturi' tfisser parti mill-faċilitajiet jew il-faċilitajiet kollha ta' stabbiliment li huma protetti, kif xieraq, minn attakki minn *Culicoides spp*. jew *Culicidae* b'mezzi fiżiċi u ta' ġestjoni xierqa, bi status ta' stabbiliment protett mill-vetturi li jingħata mill-awtorità kompetenti, u li jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fl-Anness XI, punt 3.";

3. fl-Artikolu 17, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-movimenti għal skopijiet mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa miżmuma bħala annimali domestiċi f'unitajiet domestiċi fi Stat Membru minn pajjiż terz jew territorju fejn tali movimenti mhux kummerċjali ma jistgħux jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 245(2) jew fl-Artikolu 246(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2016/429.";

4. fl-Artikolu 19, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-movimenti għal skopijiet mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa miżmuma bħala annimali domestiċi f'unitajiet domestiċi fi Stat Membru minn pajjiż terz jew territorju fejn tali movimenti mhux kummerċjali ma jistgħux jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 245(2) jew fl-Artikolu 246(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2016/429.";

5. fl-Artikolu 21, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. B'deroga mill-paragrafu (1), il-punt (b), abbażi tat-talba ta' pajjiż terz jew territorju ta' oriġini lill-Kummissjoni u soġġett għall-qbil tagħha, il-kodiċi tal-pajjiż esportatur imsemmi fil-paragrafu (1), il-punt (b), jista' jiġi sostitwit b'kodiċi differenti fil-format ta' kodiċi b'żewġ ittri.";

6. fl-Artikolu 38(2), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) matul perjodu minimu ta' 30 jum wara t-tlestija tal-politika ta' qerda u t-tindif u d-diżinfettar imsemmija fil-punti (a) u (b), l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju tkun wettqet programm ta' sorveljanza, li jipprovdi tal-inqas il-fiduċja b'kampjun rappreżentattiv aleatorju tal-popolazzjonijiet f'riskju sabiex jintwera n-nuqqas ta' infezzjoni, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi epidemjoloġiċi speċifiċi b'rabta mat-tifqigħa(t) li seħħet/seħħew, b'riżultati negattivi.";

7. Fl-Artikolu 53, is-sentenza introduttorja u l-punt (a) huma sostitwiti b'li ġej:

"Il-konsenji ta' għasafar miżmuma fil-magħluq għandhom jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk l-annimali fil-konsenja jiġu identifikati b'numru ta' identifikazzjoni individwali permezz ta' ċurkett magħluq immarkat uniku mwaħħal tal-inqas ma' sieq waħda tal-annimal li juri b'mod viżibbli, li jinqara u li ma jitħassarx kodiċi alfanumeriku jew transponder li jista' jiġi injettat li juri b'mod li jinqara u li ma jitħassarx kodiċi alfanumeriku li jkun fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kodiċi tal-pajjiż terz jew territorju fejn ikunu ġew identifikati inizjalment f'konformità mal-Istandard ISO 3166 fil-format b'żewġ ittri jew tliet ittri;";

8. fl-Artikolu 73, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Il-konsenji ta' klieb, qtates u inmsa li jkunu ġejjin minn santwarji tal-annimali għandhom jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk tali konsenja tkun intbagħtet minn santwarju tal-annimali:

(a) approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju f'konformità mar-rekwiżiti li huma stretti tal-inqas daqs dawk stabbiliti fl-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;

(b) li għandu numru tal-approvazzjoni uniku assenjat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju;

(c) elenkat għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju tad-dispaċċ, inkluża l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035.";

9. l-Artikolu 79 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 79*

Pajjiż terz jew territorju ta' oriġini jew żona tiegħu

1. Il-konsenji ta' semen, ooċiti u embrijuni ta' annimali bovini, porċini, ovini, kaprini u ekwini għandhom ikunu awtorizzati jidħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu ġew miġbura jew prodotti minn annimali f'pajjiżi terzi jew territorji terzi, jew żoni tagħhom, li jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali stabbiliti fl-Artikolu 22.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, b'rabta mar-rekwiżit tas-saħħa tal-annimali stabbilit fl-Artikolu 22(4)(a), il-konsenji ta' semen, ooċiti u embrijuni ta' annimali bovini, porċini, ovini u kaprini jistgħu jitħallew jidħlu fl-Unjoni jekk ikunu nġabru jew ġew prodotti f'pajjiżi terzi jew f'territorji terzi fejn ikun sar tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, dment li jkunu nġabru minn annimali f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fl-Anness II, il-Parti 5, il-Kapitolu I, il-punt 3 jew 4, għar-Regolament Delegat (UE) 2020/686.";

10. fil-Parti III, l-intestatura tat-TITOLU 3 hija sostitwita b'dan li ġej:

"TITOLU 3

REKWIŻITI TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦALL-PRODOTTI ĠERMINALI TA' ANNIMALI GĦAJR DAWK IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1(4)(A) U (B), MAĦSUBA GĦAL STABBILIMENTI KONFINATI";

11. l-Artikolu 117 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 117*

Rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti ġerminali ta' annimali għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 1(4)(a) u (b), maħsuba għal stabbilimenti konfinati

Il-konsenji ta' semen, ooċiti u embrijuni ta' annimali għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 1(4)(a) u (b), maħsuba għal stabbiliment konfinat li jinsab fl-Unjoni jistgħu jitħallew jidħlu fl-Unjoni dment li:

(a) tkun saret valutazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' destinazzjoni dwar ir-riskji li d-dħul ta' dawk il-prodotti ġerminali jista' jippreżenta għall-Unjoni;

(b) l-annimali donaturi ta' dawk il-prodotti ġerminali joriġinaw minn pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu, awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni tal-ispeċi u l-kategorija partikolari ta' annimali jew permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 (*), jew skont l-Artikolu 230(2) tar-Regolament (UE) 2016/429, mill-Istat Membru tad-destinazzjoni, skont l-ispeċi inkwistjoni;

(c) l-annimali donaturi ta' dawk il-prodotti ġerminali joriġinaw minn stabbiliment fil-pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu ta' oriġini, li huwa inkluż f'lista stabbilita mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni li minnu jista' jkun awtorizzat id-dħul ta' annimali ta' speċijiet speċifiċi fl-Unjoni;

(d) il-prodotti ġerminali jkunu ddestinati għal stabbiliment konfinat fl-Unjoni, li jkun approvat f'konformità mal-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) 2016/429;

(e) il-prodotti ġerminali jiġu ttrasportati direttament fl-istabbiliment konfinat imsemmi fil-punt (d).

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1)".

12. Fl-Artikolu 124, jiżdied il-punt (e) li ġej:

"(e) B'deroga mill-punt (c)(i), matul it-trasport tagħhom lejn il-biċċerija, il-konsenji ta' pollam jistgħu jgħaddu minn żona ta' pajjiż terz jew territorju mhux elenkat għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' pollam għajr ratiti, soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-istabbiliment tal-oriġini tal-pollam, iż-żona tal-pajjiż terz jew territorju mhux elenkat għad-dħul fl-Unjoni u l-biċċerija jkunu jinsabu fl-istess pajjiż terz jew territorju;

(ii) il-passaġġ minn dik iż-żona tal-pajjiż terz jew territorju jsir mingħajr waqfien jew ħatt f'dik iż-żona;

(iii) il-passaġġ minn dik iż-żona tal-pajjiż terz jew territorju jsir billi jiġu prijoritizzati awtostradi ewlenin jew linji ferrovjarji ewlenin;

(iv) il-passaġġ minn dik iż-żona tal-pajjiż terz jew territorju jsir billi tiġi evitata l-viċinanza ta' stabbilimenti li jżommu annimali ta' speċijiet elenkati għall-mard rilevanti tal-pollam;

(v) il-passaġġ minn dik iż-żona tal-pajjiż terz jew territorju jsir wara d-depopolazzjoni u t-tindif u d-diżinfezzjoni tal-istabbiliment(i) affettwat(i) minn tifqigħa(t) ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;

(vi) wara li jgħaddi minn dik iż-żona tal-pajjiż terz jew territorju, il-pollam għandu jinġieb direttament fil-biċċerija u jiġi skarnat fi żmien sitt sigħat minn meta jasal fil-biċċerija.

Jekk ma tkun possibbli l-ebda alternattiva xierqa u dment li l-kundizzjonijiet kollha elenkati f'(i) sa (vi) ta' dan il-punt jiġu ssodisfati, il-pollam li jiġi ttrasportat lejn il-biċċerija jista' jgħaddi minn aktar minn żona waħda msemmija f'dan il-punt.";

13. l-Artikolu 150 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 150*

L-istabbiliment ta' oriġini tal-annimali li minnhom ikun inkiseb il-laħam frisk

Il-konsenji ta' prodotti tal-laħam għandhom ikunu awtorizzati jidħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu ġew ipproċessati minn laħam frisk li jkun joriġina minn annimali li jkunu ġejjin minn stabbiliment, jew, fil-każ ta' annimali selvaġġi, minn post li fih u madwaru, f'erja b'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda minn fost il-mard elenkat, rilevanti għall-ispeċi ta' oriġini tal-prodotti tal-laħam f'konformità mal-lista stabbilita fl-Anness I, matul perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir jew il-qtil tal-annimali.";

14. l-Artikolu 156 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 156*

Prodotti tal-ħalib mhux soġġetti għal trattament għall-mitigazzjoni tar-riskju

Il-konsenji ta' prodotti tal-ħalib li joriġinaw minn pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu li huwa elenkat għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib mhux ipproċessat għandhom jitħallew jidħlu fl-Unjoni mingħajr ma jkunu għaddew minn trattament ta' mitigazzjoni tar-riskju speċifiku previst fl-Anness XXVII, jekk il-prodotti tal-ħalib tal-konsenja jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-ħalib mhux ipproċessat jew il-prodott tal-ħalib minnu, ikunu nkisbu minn annimali tal-ispeċijiet *Bos taurus, Ovis aries, Capra hircus, Bubalus bubalis* u *Camelus dromedarius*;

(b) il-ħalib mhux ipproċessat jew il-prodott tal-ħalib minnu, użat għall-ipproċessar tal-prodotti tal-ħalib ikun ikkonforma mar-rekwiżiti ġenerali rilevanti tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 10 u mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali speċifiċi għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib mhux ipproċessat stabbiliti fl-Artikoli 153 u 154, u għaldaqstant kien eliġibbli għad-dħul fl-Unjoni u joriġina minn wieħed jew waħda minn dawn li ġejjin:

(i) pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu elenkat fejn ġew ipproċessati l-prodotti tal-ħalib;

(ii) pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu għajr pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu elenkat fejn il-prodotti tal-ħalib ġew ipproċessati u li huma awtorizzati għad-dħul tal-ħalib mhux ipproċessat fl-Unjoni; jew

(iii) Stat Membru.";

15. l-Artikolu 163 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 163*

Rekwiżiti speċifiċi għal prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa

1. B'deroga mill-Artikolu 3(c)(i), il-konsenji ta' prodotti komposti li ma fihomx prodotti tal-laħam, għajr il-ġelatina u l-kollaġen, jew prodotti bbażati fuq il-kolostru, u li ġew ittrattati biex ikollhom data ta' konservazzjoni twila f'temperatura ambjentali, għandhom ikunu awtorizzati jidħlu fl-Unjoni akkumpanjati minn dikjarazzjoni, kif jipprevedi l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jekk ikun fihom:

(a) prodotti tal-ħalib li jikkonformaw ma' waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ma jkunux għaddew minn trattament ta' mitigazzjoni tar-riskju previst fl-Anness XXVII, dment li l-prodotti tal-ħalib ikunu nkisbu jew fl-Unjoni jew f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu, elenkat għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-ħalib mingħajr ma jgħaddu minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskju, f'konformità mal-Artikolu 156, u l-pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu, fejn il-prodott kompost ikun magħmul, jekk differenti, huwa elenkat wkoll għad-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-prodotti mingħajr ir-rekwiżit li japplikaw trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskju;

(ii) ikunu għaddew minn trattament għall-mitigazzjoni tar-riskju previst fil-kolonna A jew B tal-Anness XXVII, rilevanti għall-ispeċi tal-oriġini tal-ħalib, dment li jkunu nkisbu jew fl-Unjoni, jew f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu, elenkat għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-ħalib mingħajr ma jkunu għaddew minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskju, f'konformità mal-Artikolu 156, jew ta' prodotti tal-ħalib li jkunu għaddew minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskju, f'konformità mal-Artikolu 157; u l-pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu, fejn jiġi magħmul il-prodott kompost, jekk ikun differenti, jiġi elenkat ukoll għad-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-prodotti jekk ikunu għaddew minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskju;

(iii) ikunu għaddew minn trattament għall-mitigazzjoni tar-riskju mill-inqas ekwivalenti għal dawk imsemmija fil-kolonna B tal-Anness XXVII, irrispettivament mill-ispeċijiet ta' oriġini tal-ħalib, jekk il-prodotti tal-ħalib ma jikkonformawx mar-rekwiżiti kollha previsti fil-punti (i) jew (ii) jew ikunu nkisbu fl-Unjoni, jew f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu li mhuwiex awtorizzat għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-ħalib iżda huwa awtorizzat għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti oħrajn li joriġinaw mill-annimali f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(b) prodotti tal-bajd li jkunu għaddew minn trattament għall-mitigazzjoni tar-riskju ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Anness XXVIII.

2. Id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha:

(a) takkumpanja biss konsenji ta' prodotti komposti f'każijiet meta d-destinazzjoni finali tal-prodotti komposti tkun fl-Unjoni;

(b) tinħareġ mill-operatur responsabbli għad-dħul fl-Unjoni tal-konsenja ta' prodotti komposti, li jiċċertifika li l-prodotti komposti fil-konsenja jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1.

3. B'deroga mill-Artikolu 3(a)(i), il-prodotti komposti li fihom prodotti tal-ħalib imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a)(iii), ta' dan l-Artikolu, u l-prodotti komposti li fihom il-prodotti tal-bajd li ġew ittrattati biex ikollhom data ta' konservazzjoni twila f'temperatura ambjentali għandhom ikunu awtorizzati jidħlu fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin minn pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu li ma jkunx speċifikament elenkat għad-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-prodotti li joriġinaw mill-annimali iżda jkun elenkat għad-dħul fl-Unjoni ta' jew:

(a) prodotti tal-laħam, prodotti tal-ħalib jew prodotti tal-bajd; jew

(b) prodotti tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2017/625";

16. fl-Artikolu 166, il-paragrafu li ġej jiżdied wara l-frażi introduttorja:

"Madankollu, l-ispezzjoni klinika msemmija fl-ewwel paragrafu tista' titwettaq minn professjonista tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi, dment li l-professjonista tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi jkun awtorizzat iwettaq dik l-attività mill-pajjiż terz jew territorju kkonċernat skont il-liġi nazzjonali tiegħu.";

17. fl-Artikolu 167, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) minbarra fil-każ tal-annimali akkwatiċi msemmija fl-Artikolu 172(d), (e) u (f), dawn ikunu ntbagħtu direttament mill-post tal-oriġini tagħhom lejn l-Unjoni;";

18. fl-Artikolu 168, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ħlief fil-każ tal-annimali akkwatiċi msemmija fl-Artikolu 172(d), (e) u (f), meta d-dispaċċ lejn l-Unjoni tal-konsenji tal-annimali akkwatiċi jinkludi trasport b'bastiment jew b'dgħajsa barrada anke għal parti mill-vjaġġ, dawk il-konsenji ta' annimali akkwatiċi ttrasportati f'konformità mal-Artikolu 167 għandhom ikunu awtorizzati jidħlu fl-Unjoni biss jekk l-annimali akkwatiċi tal-konsenja jkunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni, mehmuża maċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u ffirmata mill-kaptan tal-bastiment fil-jum tal-wasla tal-bastiment fil-port ta' destinazzjoni tiegħu, li tkun tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:".

19. fl-Artikolu 169, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-prodotti li joriġinaw mill-annimali speċifikament minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, li jidħlu fl-Unjoni maħsuba għal ipproċessar ulterjuri għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) iridu jkunu identifikati b'tikketta li tinqara fuq in-naħa ta' barra tal-kontenitur, li tirreferi għaċ-ċertifikat li jkun inħareġ għal dik il-konsenja;

(b) it-tikketta li tinqara msemmija fil-punt (a) irid ikun fiha wkoll id-dikjarazzjonijiet li ġejjin, kif rilevanti:

(i) 'prodotti li joriġinaw mill-annimali mill-ħut, għajr ħut ħaj, maħsuba għal ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea';

(ii) 'prodotti li joriġinaw mill-annimali minn molluski, għajr molluski ħajjin, maħsuba għal ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea';

(iii) 'prodotti li joriġinaw mill-annimali minn krustaċji, għajr krustaċji ħajjin, maħsuba għal ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea'.";

20. fl-Artikolu 174, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Wara d-dħul tagħhom fl-Unjoni, il-konsenji ta':

(a) l-annimali akkwatiċi għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 172(d), (e), u (f), għandhom jiġu ttrasportati direttament lejn il-post tad-destinazzjoni tagħhom fl-Unjoni;

(b) l-annimali akkwatiċi u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali speċifikament minn annimali akkwatiċi għandhom jiġu ttrattati kif xieraq biex jiġi żgurat li l-ilmijiet naturali ma jkunux kontaminati.";

21. fil-Parti V, l-intestatura tat-Titolu 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"TITOLU 2

**REKWIŻITI DWAR IS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI BIEX JIĠI LIMITAT L-IMPATT TA' ĊERTU MARD GĦAJR DAK LI HUWA MSEMMI FL-ARTIKOLU 9(1)(D) TAR-REGOLAMENT (UE) 2016/429";

22. fl-Artikolu 178, it-titolu u l-frażi introduttorja tal-paragrafu 1 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 178*

Rekwiżiti speċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' ungulati, pollam, għasafar miżmuma fil-magħluq u annimali akkwatiċi li joriġinaw mill-Unjoni u li jirritornaw fiha wara rifjut tad-dħul minn pajjiż terz jew territorju

1. Il-konsenji ta' ungulati, pollam, għasafar miżmuma fil-magħluq u ta' annimali akkwatiċi li joriġinaw mill-Unjoni u li jirritornaw fiha wara rifjut tad-dħul mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz jew territorju għandhom ikunu awtorizzati jerġgħu jidħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:";

23. fl-Artikolu 179, it-titolu u l-frażi introduttorja tal-paragrafu 1 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 179*

Rekwiżiti speċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali għajr ungulati, pollam, għasafar miżmuma fil-magħluq u annimali akkwatiċi li joriġinaw mill-Unjoni u li jirritornaw fiha wara rifjut tad-dħul minn pajjiż terz jew territorju

1. Il-konsenji ta' annimali għajr ungulati, pollam, għasafar miżmuma fil-magħluq, u annimali akkwatiċi li joriġinaw mill-Unjoni u li jirritornaw fiha wara rifjut tad-dħul mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz jew territorju għandhom ikunu awtorizzati jerġgħu jidħlu fl-Unjoni biss jekk l-annimali tal-konsenja jkunu akkumpanjati mid-dokumenti li ġejjin:";

24. L-Annessi VIII, X, XI u XXI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Korrezzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 huwa emendat kif ġej:

fl-Artikolu 170(1), il-punt (a)(iv) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iv) mard li għalih ċerti Stati Membri jkunu ħadu l-miżuri nazzjonali msemmija fl-Artikolu 175 ta' dan ir-Regolament, meta konsenja jkun fiha speċijiet rilevanti elenkati fl-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament u tkun destinata lejn Stat Membru, żona jew kompartiment li huma elenkati fl-Anness I jew II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 (*);

(*) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 tal-11 ta' Frar 2021 li tapprova miżuri nazzjonali mfassla biex jillimitaw l-impatt ta' ċertu mard ta' annimali akkwatiċi f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE (ĠU L 59, 19.2.2021, p. 1)".

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi VIII, X, XI u XXI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness VIII, il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Perjodi massimi mingħajr każ jew tifqigħa rrapportati ta' ċertu mard elenkat fl-istabbiliment tal-oriġini għall-annimali ekwini kif imsemmija fl-Artikolu 23(1), il-punt (a)(ii):

	Perjodu	Rekwiżiti li jridu jiġu rrispettati meta preċedentement ikunu seħħew każ jew tifqigħa rrapportati fl-istabbiliment
Infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (Glanders)	6 xhur	Meta tkun ġiet irrapportata infezzjoni fl-istabbiliment matul perjodu ta' 3 snin qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, wara l-aħħar tifqigħa l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjoni fuq il-movimenti ordnata mill-awtorità kompetenti sakemm: — inqatlu u nqerdu l-annimali infettati kollha; u — l-annimali li kien fadal ġew soġġetti għal test imwettaq kif deskritt fil-punt 3.1 tal-Kapitolu 3.6.11 tal-Manwal Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) (il-Verżjoni adottata fl-2018) b'riżultati negattivi fuq kampjuni meħuda tal-anqas 6 xhur wara d-data li fiha l-annimali infettati nqatlu u nqerdu u l-istabbiliment tnaddaf u ġie diżinfettat.
Enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela	6 xhur	Jekk ikunu ġejjin minn stabbiliment li jinsab f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu li fihom ġiet irrapportata l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela matul il-perjodu ta' sentejn qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, dawn jikkonformaw mal-kundizzjonijiet fil-punt (i) li ġej u mal-kundizzjonijiet fil-punti (ii) jew (iii) li ġejjin: (i) matul perjodu minimu ta' 21 jum qabel id-dispaċċ lejn l-Unjoni baqgħu klinikament f'saħħithom u kwalunkwe annimal imsemmi fil-punt (ii) jew (iii) li wera żieda fit-temperatura tal-ġisem, meħuda ta' kuljum, ġie soġġett għal test dijanjostiku għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 10(1), il-punt (a), tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, b'riżultati negattivi; u (ii) l-annimali nżammu f'iżolament fi stabbilimenti protetti mill-vetturi għal perjodu minimu ta' 21 jum protetti minn attakki ta' insetti vetturi, u — ikunu tlaqqmu kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela b'kors primarju sħiħ u reġgħu tlaqqmu skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur mhux qabel 60 jum u mhux wara 12-il xahar mid-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni; jew — ġew soġġetti għal test għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 10(1), il-punt (b), tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjun meħud mhux anqas minn 14-il jum wara d-data tad-dħul fl-istabbilimenti protetti mill-vetturi;

		(iii) l-annimali ġew soġġetti għal: — test għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 10(1), il-punt (b), tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, mingħajr żieda fit-titru tal-antikorpi, imwettaq fuq kampjuni akkoppjati meħuda f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' 21 jum, li t-tieni wieħed minnhom ikun ittieħed matul perjodu ta' 10 ijiem qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni; u — test għad-detezzjoni tal-ġenoma tal-virus tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 10(2) tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, b'riżultat negattiv, imwettaq fuq kampjun meħud fi żmien 48 siegħa qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, u l-annimali jkunu ġew protetti minn attakki ta' insetti vetturi minn wara l-kampjunar sad-dispaċċ.
Durina	6 xhur	1. Meta tkun ġiet irrapportata infezzjoni fl-istabbiliment matul perjodu ta' sentejn qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, wara l-aħħar tifqigħa l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjoni fuq il-movimenti ordnata mill-awtorità kompetenti sakemm: — l-annimali infettati nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati, jew l-annimali ekwini maskili kollha li kienu infettati ġew ikkastrati; u — l-annimali ekwini li fadal fl-istabbiliment, bl-eċċezzjoni tal-annimali ekwini rġiel kastrati msemmija fl-ewwel inċiż ta' dan il-punt inżammu separati mill-annimali ekwini nisa, ġew soġġetti għal test għad-durina bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 8 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688 b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni meħuda tal-anqas 6 xhur wara li jkunu tlestew il-miżuri deskritti fl-ewwel inċiż ta' dan il-punt. 2. B'deroga mill-punt 1, meta tkun ġiet irrapportata infezzjoni fl-istabbiliment matul il-perjodu ta' sentejn qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, wara l-aħħar tifqigħa l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-movimenti mill-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum wara li jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal fl-istabbiliment tal-ispeċi elenkata, u l-bini fl-istabbiliment ikun tnaddaf u ġie diżinfettat.
Surra (*Trypanosoma evansi*)	6 xhur	1. Meta tkun ġiet irrapportata infezzjoni fl-istabbiliment matul perjodu ta' sentejn qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjoni fuq il-movimenti ordnata mill-awtorità kompetenti sakemm: — l-annimali infettati jkunu tneħħew mill-istabbiliment; u — l-annimali li jkun fadal ikun sarilhom test għas-surra (*Trypanosoma evansi*) billi ntuża wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688 b'riżultati negattivi, imwettqa fuq kampjuni meħuda tal-anqas 6 xhur wara li l-aħħar annimal infettat ikun tneħħa mill-istabbiliment.

		2. B'deroga mill-punt 1, meta tkun ġiet irrapportata infezzjoni fl-istabbiliment matul il-perjodu ta' sentejn qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-movimenti mill-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum wara li jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal fl-istabbiliment tal-ispeċi elenkata, u l-bini fl-istabbiliment ikun tnaddaf u ġie diżinfettat.
Anemija infettiva ekwina	90 jum	1. Meta tkun ġiet irrapportata infezzjoni fl-istabbiliment matul perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, wara l-aħħar tifqigħa l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjoni fuq il-movimenti ordnata mill-awtorità kompetenti sakemm: — ikunu nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati l-annimali infettati; u — l-annimali li jkun fadal fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal test għall-anemija infettiva ekwina bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 9 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688 b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet b'intervall minimu ta' 3 xhur wara li jkunu tlestew il-miżuri deskritti fl-ewwel inċiż ta' dan il-punt u l-istabbiliment ikun tnaddaf u ġie diżinfettat. 2. B'deroga mill-punt 1, meta tkun ġiet irrapportata infezzjoni fl-istabbiliment matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, wara l-aħħar tifqigħa l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment mill-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum wara li jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal tal-ispeċi elenkata fl-istabbiliment, u l-bini fl-istabbiliment ikun tnaddaf u ġie diżinfettat.
Rabja	30 jum	—
Antraċe	15 jum	—";

(2) fl-Anness X, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. **ANNIMALI OVINI**

L-annimali ovini maskili mhux ikkastrati, għajr dawk maħsuba għall-iskarnar fl-Unjoni, iridu jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikunu baqgħu għal perjodu kontinwu minimu ta' 30 jum fi stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-epididimite ovina (*Brucella ovis*) matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni;

(b) ikun ġew soġġetti għal test seroloġiku għall-epididimite ovina (*Brucella ovis*), b'riżultati negattivi, matul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni.";

(3) L-Anness XI huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 2.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.1. **Rekwiżiti speċifiċi għall-marda Afrikana taż-żwiemel**

L-annimali ekwini jridu jikkonformaw mas-sett ta' rekwiżiti stabbilit f'wieħed mill-punti li ġejjin:

(a) l-annimali nżammu iżolati fi stabbilimenti protetti mill-vetturi għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni u sarilhom test seroloġiku u test għall-identifikazzjoni tal-aġent għall-marda Afrikana taż-żwiemel b'riżultat negattiv f'kull każ fuq kampjun tad-demm li ttieħed mhux inqas minn 28 jum wara d-data tal-introduzzjoni fl-istabbilimenti protetti mill-vetturi u fi żmien perjodu ta' 10 ijiem qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni;

(b) l-annimali nżammu iżolati fi stabbilimenti protetti mill-vetturi għal perjodu ta' mill-inqas 40 jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni u twettqu testijiet seroloġiċi għad-detezzjoni tal-antikorpi kontra l-virus tal-marda Afrikana taż-żwiemel mingħajr ma nstabet żieda sinifikanti fit-titru tal-antikorpi fuq kampjuni tad-demm li nġabru f'żewġ okkażjonijiet, b'intervall ta' mhux inqas minn 21-il jum, fejn l-ewwel kampjun inġabar mill-inqas 7 ijiem wara d-data tal-introduzzjoni fl-istabbilimenti protetti mill-vetturi;

(c) l-annimali nżammu f'iżolament fi stabbilimenti protetti mill-vetturi għal perjodu ta' mill-inqas 14-il jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni u sarilhom test għall-identifikazzjoni tal-aġent tal-virus tal-marda Afrikana taż-żwiemel b'riżultat negattiv fuq kampjun tad-demm li ttieħed mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-introduzzjoni fl-istabbilimenti protetti mill-vetturi u mhux aktar minn 72 siegħa qabel il-ħin tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, u monitoraġġ kostanti tal-protezzjoni mill-vetturi wera n-nuqqas ta' insetti vetturi ġewwa l-istabbilimenti protetti mill-vetturi;

(d) hemm evidenza dokumentata li l-annimali tlaqqmu kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel b'kors primarju sħiħ, u tlaqqmu mill-ġdid skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur, b'vaċċin liċenzjat kontra s-serotipi kollha tal-virus tal-marda Afrikana taż-żwiemel preżenti fil-popolazzjoni tas-sors mill-inqas 40 jum qabel id-dħul fl-istabbilimenti protetti mill-vetturi, u l-annimali nżammu f'iżolament fi stabbilimenti protetti mill-vetturi għal perjodu ta' mill-inqas 40 jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni;

(e) l-annimali nżammu f'iżolament fi stabbilimenti protetti mill-vetturi għal perjodu minimu ta' 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni u sarilhom test seroloġiku għad-detezzjoni tal-antikorpi kontra l-virus tal-marda Afrikana taż-żwiemel, imwettaq mill-istess laboratorju, fl-istess jum, fuq il-kampjuni tad-demm meħuda matul il-perjodu ta' iżolament fl-istabbilimenti protetti mill-vetturi f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' bejn 21 u 30 jum. It-tieni fost dawn irid ikun ittieħed fl-10 ijiem ta' qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, b'riżultati negattivi f'kull każ jew b'riżultat negattiv f'test ta' identifikazzjoni tal-aġent għall-virus tal-marda Afrikana taż-żwiemel fuq it-tieni kampjun.";

(b) il-punt 2.2. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.2. **Rekwiżiti speċifiċi għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela**

L-annimali ekwini jridu jikkonformaw ma' mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-annimali tlaqqmu kontra l-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela b'kors primarju sħiħ u tlaqqmu mill-ġdid skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur matul perjodu ta' mhux inqas minn 60 jum u mhux aktar minn 12-il xahar qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni u nżammu f'iżolament fi stabbilimenti protetti mill-vetturi għal perjodu ta' mill-inqas 21 jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, u matul dak il-perjodu baqgħu klinikament f'saħħithom, u t-temperatura ta' ġisimhom, li ttieħdet kuljum, baqgħet fil-medda fiżjoloġika normali.

Kull annimal ekwin ieħor fl-istess stabbiliment li jkun wera żieda fit-temperatura tal-ġisem, meħuda ta' kuljum, kien soġġett għal test tad-demm għall-iżolament tal-virus tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela b'riżultati negattivi;

(b) l-annimali ma tlaqqmux kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, u nżammu f'iżolament fi stabbilimenti protetti mill-vetturi għal perjodu minimu ta' 21 jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, u matul dak il-perjodu baqgħu klinikament f'saħħithom, u t-temperatura ta' ġisimhom, li ttieħdet ta' kuljum, baqgħet fi ħdan il-medda fiżjoloġika normali. Matul il-perjodu ta' iżolament, l-annimali ġew soġġetti għal test dijanjostiku għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, b'riżultati

negattivi, imwettaq fuq kampjun meħud mhux anqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-iżolament tal-annimali fl-istabbilimenti protetti mill-vetturi; u l-annimali baqgħu protetti minn insetti vetturi sad-dispaċċ lejn l-Unjoni.

Kwalunkwe annimal ekwin ieħor fl-istess stabbiliment li jkun wera żieda fit-temperatura tal-ġisem, meħuda ta' kuljum, kien soġġett għal test tad-demm għall-iżolament tal-virus tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela b'riżultati negattivi;

(c) l-annimali ġew soġġetti għal test tal-inibizzjoni tal-emagglutinazzjoni għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela mwettaq mill-istess laboratorju fl-istess jum fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' 21 jum, li t-tieni wieħed minnhom ikun ittieħed matul perjodu ta' 10 ijiem qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, mingħajr żieda fit-titru tal-antikorpi, u test tat-traskriptaži inversa u reazzjoni katina bil-polimeraži (RT-PCR) għad-detezzjoni tal-ġenoma tal-virus tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, imwettaq b'riżultat negattiv fuq kampjun meħud fi ħdan 48 siegħa qabel id-dispaċċ lejn l-Unjoni, u jkunu ġew protetti kontra attakki minn vetturi mill-mument tal-kampjunar tal-RT-PCR sat-tagħbija għad-dispaċċ, bl-użu kkombinat ta' repellenti approvati tal-insetti u ta' insettiċidi fuq l-annimali u bid-diżinfezzjoni tal-istalla u tal-mezz li fih ikunu ttrasportati.";

(c) jiżdied il-punt 3 li ġej:

"3. **STABBILIMENT PROTETT MILL-VETTURI**

Kriterji minimi għall-għoti ta' status ta' stabbiliment protett mill-vetturi:

(a) għandu ostakoli fiżiċi xierqa fil-punti tad-dħul u tal-ħruġ, pereżempju sistema ta' dħul u ħruġ b'żewġ bibien;

(b) il-feṫiet tal-istabbiliment protett mill-vetturi jrid ikollhom ilqugħ kontra l-vetturi b'malja b'gauge xierqa, imxappa b'insettiċida approvat b'mod regolari, skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur;

(c) is-sorveljanza u l-kontroll tal-vetturi jridu jitwettqu fl-istabbiliment protett mill-vetturi u madwaru;

(d) iridu jittieħdu miżuri sabiex jillimitaw jew jeliminaw siti tat-tnissil għall-vetturi fil-viċinanza tal-istabbiliment protett mill-vetturi;

(e) irid ikun hemm proċeduri operattivi standard fis-seħħ, inklużi deskrizzjonijiet tas-sistemi ta' riżerva u ta' allarm, għat-tħaddim tal-istabbiliment protett mill-vetturi u għat-trasport tal-annimali minn dak l-istabbiliment għall-post tat-tagħbija għad-dispaċċ lejn l-Unjoni.";

(4) fl-Anness XXI, il-punt 2(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) il-prodott irid jingħata minn veterinarju bejn it-48 u l-24 siegħa eżatt qabel il-ħin tad-dispaċċ lejn l-Unjoni;".